MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 653/2012

**P.J. Sutters (Marketing) Limited [C-35984]**

**vs**

**Port Cottonera Hotel Development Co. Limited [C-27956]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-19 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' elfejn disa' mija tnejn u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu ta' euro [€2,992.73] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-somma ta' €2992.73 mitluba mis-socjeta attrici tirraprezenta bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta, li minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-hlas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, flimkien ma' l-imghax kummercjali mill-10 ta' Awwissu, 2012, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talbafit-2 ta' Ottubru, 2012, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Ottubru, 2012, ta' nhar it-22 ta' Ottubru, 2012, ta' nhar id-29 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-29 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn disa' mija tnejn u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu ta' euro [€2,992.73], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------